# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 431/2016**

Il-Pulizija

vs

**Mario Fenech**

Iben Joseph imwieled il-Marsa, fil-15 ta' Awwissu, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 536961(M)

Illum 16 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Mario Fenech quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gżejjer u cioe' nhar id-29 ta' Ottubru, 2008 u fil-ġranet u xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin rninnu ukoll jekk fi żminijiet differenti , iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda huwa xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa , meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe' il-vettura GBB L99 ta' għamla Mitsubishi RVR.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' Settembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 279(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu u kkundannatu għall-ħmistax-il xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal żmien sentejn mid-data tas-sentenza. Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnu ppreżentat fit-3 ta' Ottubru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull akkuża, piena u imputazzjoni, u fin-nuqqas tvarja u timmodifika l-istess deċiżjoni billi tissostitwixxi l-piena b'waħda anqas severa minn dik inflitta b'riserva ċara li jressaq kwalunkwe prova fi stadju ta' appell jekk ikun il-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi kif sewwa osservat l-ewwel Onorabbli Qorti ma rriżultax meta u kif din il-vettura ġiet fil-pussess tal-imputat, fatt li kellu jkun ipprovat mill-Prosekuzzjoni. B'danakollu l-ewwel Qorti xorta sabet ħtija fl-esponent għaliex skont ir-raġunament ta' dik il-Qorti vettura mingħajr pjanċa tax-chassis ma tistax ma tqajjimx suspett li l-provenjenza hija waħda lleċita. Skont l-ewwel Qorti l-fatt li instabet żarmata ikompli jassoda dan is-suspett:

Illi bil-qima lejn l-ewwel Qorti dan ir-raġunament huwa għal kollox żbaljat. Kif sewwa qalet dan kien suspett. Biex suspett jitlaħħam b'mod li jista' jwassal għall-konvinzjoni lil hinn minn kull dubbju li tiddetta r-raġuni ai fini ta' proċeduri penali, irid ikun hemm provi estraneji li jkunu aktar skjaċċanti, ħaġa li fil-proċess odjern ma kienx hemm, salv li din il-vettura kienet żarmata.

Għalhekk li kienet żarmata u bin-numru tax-chassis ma kienx jitqanqal dan is-suspett. Impliċitament ifisser li hekk ukoll kien ikun, kieku ma kinitx żarmata. Il-provi għalhekk huma skarsi u tenwi sal-punt li ma jirrikorrix dak il-piż ta' prova ai fini ta' akkuża penali biex il- Ġudikant setgħet tasal għall-ħtija da parti tal-esponent.

Illi l-Qorti għażlet ukoll li tiskarta numru ta' provi ċirkostanzjali oħra li jippuntaw għall-kuntrarju ta' dak li stabbiliet l-ewwel Qorti. Fost oħrajn in-numru ta' vetturi oħra fuq il-post li kienu in regola mal-liġi. Ma tgħidx li instabu vetturi oħrajn rapportati misruqin. Din iċ-ċirkostanza, għall-kuntrarju ta' kif kellu jkun, serviet biex tkompli tgħarraq lill-esponent.

Illi ma hux minnu li l-allegat sid tal-vettura għaraf il-vettura in kwistjoni. Mix-xhieda tiegħu jemerġi b'mod ċar li ma setax jagħraf b'konvinzjoni li dik kienet il-vettura tiegħu. Kontinwament juża l-kelma "speċi". Indikazzjoni li tista' tipponta lejn kollox barra ċertezza. Fil-waqt li l-ispettur jirreferi għall-vettura ta' kulur blu, sidha kontinwament jirreferi għaliha ta' kulur aħdar. Fattur ieħor li jkompli jixhed dubbju serju dwar min kien sid il-vettura u jekk kinitx l-istess waħda li instabet fil-pussess tal-esponent.

Illi mir-ritratti esibiti l-istess *panel beater* ma setax jagħraf ix-xogħlijiet li għamel u wisq anqas għaraf il-vettura inkwistjoni. Għaraf biss li kienet tal-istess mudell li ħadem fuqha u li x-xogħlijiet li għamel kien fuq waħda bħal dik. Li kieku l-esponent kellu xi faħam miblul ma kienx jersaq fuq il-post biex jiġbor l-affarijiet tiegħu. Ta' min jghid li fl-inventarju li sar, din il-vettura ma tissemmiex. llli dawn il-fatti waħidhom ikomplu jsaħħu l-fatt li s-suspett ma setax jittrasforma ruħu f'konvinzjoni b'din il-kwalita' ta' provi.

Illi kieku dawn il-fatti ma kinux biżżejjed hemm fattur ieħor importanti. Meta l-esponent irrilaxxja l-istqarrija, ma jidhirx li kien rnogħti l-avviż li seta' jkollu avukat. Għalhekk l-istqarrija tiegħu għandha tkun għal kollox skartata.

Illi fl-aħħarnett, *dato ma non concesso* li dina l-Onorabbli Qorti tiċħad dan l-appell fil-mertu, żgur li hemm lok ta' piena li għandha tkun anqas pesanti minn dik inflitta mill-ewwel Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

'Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fi-lkonkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi: Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991; Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994; 6 Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiz fis-6 ta' Ġunju, 1994; Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995; Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.' (Ara Appell Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v Vincent Abela tal-24 ta' Mejju 2016).

Għalhekk din il-Qorti ser tagħmel eżami approfondit tal-provi fil-proċess.

**Xhieda**

Mix-xhieda tal-Ispettur Stephen Mallia (fol.14) jirriżulta li kienet qed issir *eviction order* fid-29 t'Ottubru 2008 ġewwa Tarġa Gap fil-limiti tal-Mosta. Kienu nfetħu xi garaxxijiet jew huts li kienu tal-appellant. Huwa kien qed jagħmel użu minnhom. Kienu nstabu diversi vetturi. Fil-maggior parti minnhom l-appellant kellu d-dokumenti cioe' il-log book. Iżda kien hemm vettura żarmata

tal-marka Mitsubishi RVR u li ma kellhiex numri tar-reġistrazzjoni. Tneħħi għall-qafas tagħha u għar-roti kienet żarmata għal kollox. Ma kenitx ilha żmien twil żarmata għax kien hemm xi żjut taħtha kif ukoll xi boltijiet u xi għodda. Kien innotat ukoll li kellha l-lokazzjoni fejn ikollha n-numru tax-chassis li kien maqtugħ barra u dana qajjem suspett. L-appellant kien irriffjuta li jgħidlhom il-provenjenza jew l-identita' tal-vettura. Ix-xhud esibixxa sett ta' ritratti tal-vettura (lewn turqoise) meħudin mill-membri tas-CID.

Minn aktar stħarriġ irriżulta li fir-records kien hemm refrenza għal serqa ta' Mitsibushi GBB 119. Is-serqa kienet misruqa minn Pembroke fil-limiti ta' San Ġiljan fis-27 t'Ottubru 2007. Kienet reġistrata fuq Martin Buhagiar. Kien hemm korroborzzjoni ta' dan permezz tal-*panel beater* li kien għaraf xi xogħol li kien għamel fuq il-ġenb tagħha. (Ara wkoll ix-xhieda ta' Stephen Cachia a fol 35).

L-appellant ma kienx irrisponda għall-mistoqsijiet li sarulu waqt l-istqarrija. Lill-appellant kienu tawh diversi xhur sabiex ifittex id-dokumenti dwar din il-vettura huwa ma kienx ġab dokumenti fuq din il-karozza li kienet l-uniku waħda misruqa mill-karozzi kollha li kien hemm. (Ara wkoll ir-ritratti a fol 17 u 18 fejn jidher ukoll il-VIN missing. Barra minn dan ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Edmond Cuschieri a fol 39).

Xehed ukoll PS 891 Oscar Baldacchino li qal li fis-27 t'Ottubru, 2007 għall-ħabta tat-3.00am kien mar ċertu Martin Buhagiar jirraporta li l-vettura tiegħu tal-għamla Mitsubishi RVR u bin-numru tar-reġistrazzjoni GBB 119 li kienet ipprakjata fi Triq Bruma Pembroke fit-8.00 ta' filgħaxija ma kenitx hemm. Kien reġa' mar fuq il-post iżda ma sabx il-karozza. CCTV camera ma kienx hemm. Fir-rapport , a fol 44 u 45, il-karozza hija deskritta bħala Mitsubishi RVR Geen Private Class 5 engine number 4D68PC9162. Ix-chassis number huwa N28W5202985. Registration number GBB 119.

Imbagħad xehed PS1586 Ronnie Attard li qal li fid-29 t'Ottubru 2008 kien infurmat mil-Lands' Enforcement Officer is-Sur Emanuel Martins għaliex kellhom struzzjonijiet sabiex jisgassaw żewġ huts proprjeta' tal-gvern. Kif sgassaw dawn iż-żewġ huts, f'wieħed mill-huts instabu tnax-il karozza u fil-hut l-ieħor sabu għaxar karozzi. Kien hemm ukoll erba' vetturi oħra quddiem il-huts.

Ħafna mill-vetturi kienu bla pjanċi. Biss kien hemm tow truck isfar bin-numru tar-reġistrazzjoni IAH 141, jeep bin-numru BBR 502 u dgħajsa bin-numru S9652. Mill-ivestigazzjoni li għamlu dawn tal-aħħar kienu jappartjenu lis-sur Mario Fenech.

Mir-rapport a fol 49 jirriżulta li kien hemm erba' karozzi oħra barra waħda hemm Transit bajda bin-numru tar-reġistrazzjoni JBA594 li proprjetarju tagħha huwa s-sur Mario Fenech.

PS Jonathan Vella ikkonferma li kien hemm karozza bix-chassis number maqtugħ u fl-istess xhieda ikkonferma dak li qal wara li ntwera r-ritratt esibit.

PS 1184 Patrick Grech ikkonferma li ħa r-ritratti. (fol 62) wara li ngħata l-ordni mill-Ispettur Edmond Cuschieri.

Martin Buhagiar xehed fis-7 ta' Frar 2011. Huwa qal li kien ħalla l-karozza msakkra u imbagħad ma sabhiex. Il-karozza kienet ħadra u r-reġistrazzjoni tagħha kienet GBB 119. Huwa qal (a fol 66) li kien għarafha mid-daqqa li kellu qabel. Id-daqqa kienet imsewwija imma għarafha. L-insurance kienu tawh Lm4,000 tagħha. Meta ntwera r-ritratti huwa qal 'Illi r-ritratti li qed nara huma simili għall-vettura li ġejt muri meta mort Saint Andrews għand il-Pulizija. Qed niġi muri SMC a fol 17 sa 20 tal-proċess.' Huwa qal ukoll li din il-karozza l-Pulizija sabuha l-Mosta.

Fil-kontro-eżami - li sar fl-istess jum - huwa qal li d-daqqa kienet fuq ir-right, fuq il-panel t' wara fuq in-naħa tax-xufier. Id-daqqa kienet fuq il-panel ta' wara għax ma kienx hemm bieba fuq in-naħa ta' wara. Huwa seta' jagħrafha għax kienu daħlu fih peress li għandha qishom swaba'. Għaldaqstant ma kienx faċli li jirranġawha. Ħallieha lanqas sprejjatha biex joqgħod idur magħha hu. Biex isewwiha kien ħadha għand Balons Garage. Mistoqsi jekk kienx inkariga lil xi ħadd jagħmel xogħol fuq ix-chassis number , huwa qal 'No,no.'

Fid-9 ta' Novembru 2011, xehed Manwel Martin li esibixxa eviction order bid-data tat- 28 t'Ottubru 2008 liema eviction oder kienet enfurzata fid-29 t'Ottubru 2008. Kien hemm kwantita' kbira ta' karozzi u l-Pulizija kienu ċemplu lill-iskwadra tal-karozzi misruqin. Il-propjeta' hija tal-gvern Malti u ma kenitx mikrija.L-appellant kien qal li l-affarijiet huma tiegħu. Il-post kien

magħluq u kienu magħluqin anke l-garaxxijiet. Huwa esibixxa wkoll sett ritratti li kienu ttieħdu mill-pulizija.

Fl-istess jum xehed is-sur Edgar Ciantar, eviction officer. Dan ikkonferma li l-post fejn saret l-eviction order kien Tarġa Gap, il-Mosta. L-appellant kien preżenti u tahom iċ-ċavetta. (fol 88). Meta ntwera r-riratti huwa kkonferma li dawn juru l-affarijiet li kienu raw.

Fit-28 ta' Mejju, 2012 xehed Emmanuel Farrugia li qal li l-karozza kellha daqqa mal-ġenb. Kien qatagħlu biċċa mill-pjanċa u reġa' waħħallu lilha. Ix-xogħol li għamel fuq l-ispray ma kienx professjonali minħabba li kien two tone silver. Il-vettura kienet RVR u tal-istess kulur. Meta kien ra x-xogħol di vista fil-garage tal-pulizija kien għarfu. Ma kellu ebda dubju li dak kien ix-xogħol li għamel hu.

Fl-4 ta' Diċembru 2012 kien xehed in kontro-eżami l-Ispettur Stephen Mallia li qal li meta mar fuq il-post kien sab il-vetturi. Huma spezzjonaw l-RVR partikolari u rriżultalhom li kienet misruqa. Il-karozza kienet żarmata minn kollox u ma kellhiex magna. Ir-roti n-naħa ta' quddiem jidhru maqlugħin. Is-Sur Fenech kien preżenti. Dwar l-istqarrija huwa qal li dak iż-żmien il-liġi dwar id-dritt ta' assistenza minn avukat kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ. Is-sur Fenech ma kienx wieġeb il-maġġoranza tal-mistoqsijiet u huma kienu tawh żmien biex iġib il-log books.Kellu ħafna log books iżda mhux ta' din il-karozza partikolari. (fol 103).

Fil-25 ta' Frar 2013 xehed Emmanuel Martin in konto-eżami. Huwa qal li l-eviction order toħroġ mill-Commissioner of Lands. L-informazzjoni tasal għandhom b'minuta fil-file biex joħorġu eviction order. Huma jmorru u jwaħħluha fil-post. Huma ma jkollhomx isem minħabba li l-occupant ma jkollux titlu magħhom. Kienet ippreżentata wkoll mappa tal-post.

Fir-rieżami huwa qal li l-appellant kien qalilhom li affarijiet huma tiegħu. (fol 108).
Fl-istess jum xehed ukoll in kontro-eżami Edgar Ciantar li kkonferma kellu l-istess informazzjoni bħal Emmanuel Martin.

Fis-7 ta' Mejju 2013 xehed Martin Bajada, rappreżentant tad-Dipartiment tal-artijiet u ppreżenta kopja ta' inventarju. Kien hemm talba lid-dipartiment sabiex jakkomdaw lil kuċċier u imbagħad id-dipartiment jara jekk hemmx xi kirja. Id-dipartiment jagħmel inventarju sabiex jekk ikun hemm xi sid tal-affarijiet jsita' jitlobhom lura. L-appellant kien qal, 'Nixtieq neħodhom lura.' Semma wkoll dikjarazzjoni tal-appellant li biha kien qed jgħid li qed jieħu dwk l-affarijiet. (fol 118). A fol 120 huwa kkonferma li dawn kienu l-istess ritratti li kellhom huma.

(Meta saret bidla fil-Maġistrat sedenti minħabba ħatra għal imħallef, il-partijiet iddikjaraw li kienu eżentaw il-Qorti li terġa' tisma' l-provi diġa' miġbura sa dak il-jum fol 133).

Fid-19 ta' Jannar xehed mill-ġdid Martin Buhagiar li spjega kif kien mar fairwell party fis-sena 2007 u meta mar lura ma kienx sab il-karozza. Sena qabel kienu daħlu fih u mar isewwi l-karozza. Kien mar jirrapporta l-għassa għax ħaseb li kienu ittowjawhielu. Meta nstabet il-karozza huwa kien raha.

Ikkonsidrat

Intqal diversi drabi mill-Qrati Maltin li :

'Sabiex persuna tinsab ħatja ta' riċettazzjoni hu meħtieġ li jikkonkorru s-segwenti tliet rekwiżiti u cioe':

a. il-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor

b. l-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza lleġittima; u

c. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oġġett in kwistjoni.

L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illeċita tal-oġġett suġġett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn

provi indizjarji

Dan l-element formali tar-reat ikun jissussisti anki jekk l-akkużat ikun irċieva jew xtara l-oġġett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li tatu dan l-oġġett setgħet ġiet f'pussess ta' dak l-oġġett b'mod illeċitu u b'dana kollu xorta jilqa' għandu jew jixtri tali oġġett mingħajr ma jagħmel xejn biex jivverifika u jaċċerta ruħu li l-pussess ta' dik il-persuna l-oħra kien wieħed leġittimu u mhux kif kien qed jissuspetta hu. (Ara: Il-Pulizija v Darren Debono tal-15 ta' Jannar 2009 Appell Numru 248/2008, Pulizija vs Raymond Galea Appell Numru 285/2017 deċiża fl-4 ta' Settembru, 2018 u Pulizija vs Peter Carabott deċiża 15 ta' Settembru, 2010).

Minn eżami akkurat tal-evidenza fil-proċess din il-Qorti hija sodisfatta li l-karozza misjuba waqt l-eviction order mill-Pulizija – il-Mitsubishi RVR - hija dik li kellha n-numru oriġinali GBB 119 u nsterqet lil Martin Buhagiar u li dwarha għamel rapport l-istess Martin Buhagiar. Kontra dak li qed ikun sottomess mill-appellant, ix-xhieda ta Martin Buhagiar hija ċarissima. Kien għaraf il-karozza mid-daqqa li kellha u fejn kienet. Minkejja t-tiswija huwa kien għaraf id-daqqa xorta waħda u dan għax meta daħlu ġo fih kien hemm marka ta' qisha swaba'. Ma tidher ebda eżitazzjoni dwar dan. Il-kelma 'speċi', użata minn sid il-karozza, mhix aktar minn ċerta kliem li wieħed juża bħalma tintuża bil-bosta minn kwalunkwe persuna l-kelma 'ovvjament'. Imma fil-fehma tal-Qorti ma tħalli ebda dubju li x-xhud kellu moħħu ċar dwar xhiex kien qed jixhed u għaraf il-vettura sew.

L-istess jingħad għax-xhieda ta' Emmanuel Farrugia li saħansitra kkonferma l-kulur tal-karozza. Huwa ftakar fid-dettall it-tip ta' tiswija li kien għamillu u l-fatt li ma sarx xogħol professjonali għal dak li huwa spray minħabba diffikulta' li kien hemm. Dan jaqbel perfettament mad-deskrizzjoni konċiża imma eżatta li ta Martin Buhagiar.

U ma jirriżultax li Martin Buhagiar iddispona minn din il-karozza b'xi transfer regolari. Anzi mar jirraporta l-għassa, reġa' mar fuq il-post u wara l-insurance ħallset Lm4000. Il-karozzi ma jisparixxux u għalhekk l-unika konklużjoni loġika kienet li din il-karozza kienet insterqet.

Inoltre, l-appellant ssottometta li kien hemm ammont ta' karozzi oħra fil-post u kienu kollha skont

il-liġi għaldaqstant skont l-appellant dan kellu jmur favurih.

Għandek kemm għandek affarijiet, jekk għandek ħaġa waħda misruqa minn elf fil-pussess tiegħek, dik il-ħaġa misruqa tibqa' u xejn iktar .

**L-element formali**

Dwar l-element formali l-ewwel riflessjoni hija li m'hemmx dubju li l-appellant kellu l-kontroll assolut fuq l-affarijiet kollha li kien hemm fil-post fejn saret l-eviction order. Tant li minn risposta minnhom jirriżulta li l-appellent ta ċ-ċwievet lill-Pulizija. Barra minn dan huwa kien talab lura l-affarijiet kollha li Lands Department kien żamm. B'dan il-kontroll assolut il-karozza ma setgħetx issib posta ġewwa wieħed mill-garaxxijiet kontra x-xewqa tal-appellant.

Dwar l-istess element formali il-Qorti tinnota li l-appellant kien ingħata ż-żmien biex iġib il-log book ta' din il-karozza. Il-Pulizija tatu ż-żmien biex jagħmel dan u l-Prosekuzzjoni setgħet tikkonċentra fuq din il-karozza biss għaliex mill-karozzi li nstabu kollha ġewwa l-garaxxijiet fuq din biss kellhom rapport ta' serq. L-appellant baqa' ma ġabx dan il-log book.

Punt ieħor dwar l-element formali huwa l-assenza tax-chassis number. Mela ma nstabx x-chassis number ta' karozza rrapurtatha misruqa. Diffiċli biex wieħed jgħid li dan kien kumbinazzjoni. Dan jew kien diġa' nieqes fi żmien l-akkwistat jew tneħħa wara. Jekk kien hemm fi żmien l-akkwist, kif ser jidher fil-punt immedjatament taħt dan, l-appellant żgur li kien jinduna mal-ewwel u għalhekk żgur jiġih is-suspett dwar minn fejn kien ġej l-akkwist. Jekk din it-tneħħija saret wara, l-appellant kellu ċ-ċwievet tal-garaxxijiet u għalhekk hu biss kellu dominju sħiħ fuq fejn kienet il-karozza. F'din il-kwistjoni tan-nuqqas tax-chassis number m'hemmx triq minn fejn toħroġ.

L-aħħar punt fuq l-element formali ta' dan ir-reat huwa l-fatt li l-appellant kellu għadd ġmielu ta' karozzi li juri li huwa mhux xi prinċipjant fejn jidħlu vetturi. Hemm l-esperjenza li tnissel kapaċita' kbira biex tagħraf jekk il-fonti li ġiet minnhom il-vettura humiex leġittimi jew le.

L-indizji fil-kumulu tagħhom – kif juru l-aħħar erba' paragrafi - jindikaw b'mod ċarissimu li l-appellant kien jaf li dak li qed jirċievi mhux ġej minn provenjenza leċita. Hemm il-prova *beyond reasonable doubt* li jirrikjedi l-proċess kriminali.

Isegwi li l-ewwel Qorti kienu korretta meta sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni għaliex hemm l-elementi kollha tar-reat.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.

It-**tieni aggravju** tal-appellant huwa li ma ngħatax assistenza ta' avukat qabel ma għamel iż-żewġ stqarrijiet tiegħu. Il-Qorti eżaminat dawn iż-żewġ stqarrijiet biex tara l-appellant kienx b'xi mod inkrimina ruħu. Sabet biss rifjut ripetut li l-appellant jirrispondi kif kellu kull dritt li jagħmel. La ma rriżulta xejn mill-istqarrijiet dawn bl-ebda mod ma inċidew fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

Fl-aħħarnett l-appellant jirreferi għall-piena nflitta mill-ewwel Qorti li hija ta' sentenza sospiża ta' ħmistax-il xahar priġunerija sospiżi għal sentejn skont l-artikolu 28A tal-Kap 9. L-ammont imħallas mill-Insurance (konvertit f'Eros) jiżboq il-minimum indikat fl-artikolu 279(b) li għandu jkun applikat skont l-artikolu 334 (a) tal-Kap 9. Is-sentenza mogħtija hija qrib ħafna tal-minimu indikat taħt id-dispożizzjoni tal-artikolu 279(b) tal-Kap 9. Għalhekk il-Qorti ma qed issib ebda raġuni biex tissindaka d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiġħad it-tielet aggravju.

Il-Qorti għalhekk qed tikkonkludi li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għall-konkużjoni li waslet għaliha legalment u raġonevolment.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijietdin il-Qorti qed tichad l-appell ta' Mario Fenech u tikkonferma s-sentenza appellata.